**Direttorat Ġenerali għall-Enerġija**

Pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Deputat Direttur Ġenerali responsabbli għall-Koordinazzjoni tal-Politiki tal-Euratom (Grad AD 15)

(L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2025/10473

## Min aħna

Il-missjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DĠ ENER) hija li jiżgura aċċess għal enerġija affordabbli, sigura, affidabbli u nadifa għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej kollha; li jippromwovi l-produzzjoni u l-użu effiċjenti tal-enerġija; u li jmexxi l-proċess biex sal-2050 insiru l-ewwel kontinent newtrali għall-klima, filwaqt li jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa.

Id-DĠ ENER jistabbilixxi politiki biex tiġi żviluppata sistema tal-enerġija innovattiva, reżiljenti u integrata, li tipprovdi provvista kontinwa ta' enerġija affordabbli, sigura, affidabbli u nadifa liċ-ċittadini u lin-negozji tagħna f'konformità mal-Patt Ekoloġiku, kif imsaħħaħ mill-Patt għal Industrija Nadifa, u mar-REPowerEU.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija jistinka biex joħloq Unjoni tal-Enerġija robusta billi jistabbilixxi governanza aktar sempliċi, aktar effettiva u li tibqa' valida fil-futur, billi jneħħi l-ostakli għat-tranżizzjoni tal-enerġija u jistimula soluzzjonijiet tal-enerġija li jixprunaw il-bidla lejn in-newtralità klimatika u jippermettu l-affordabbiltà tal-enerġija, filwaqt li jippromwovu t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa. It-tranżizzjoni se tippromwovi u tibni fuq il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u l-investimenti mmotivati mis-suq fl-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli biex tingħata spinta lit-tmexxija globali tal-UE, filwaqt li jitnaqqsu d-dipendenza enerġetika u l-kontijiet tal-importazzjoni.

L-istruttura organizzazzjonali tad-DĠ ENER tinkludi tliet pożizzjonijiet ta' Deputat Direttur Ġenerali (DDĠ).

Id-Deputat Direttur Ġenerali responsabbli mill-koordinazzjoni tal-politiki tal-Euratom jikkoordina u jmexxi żewġ Direttorati li jaħdmu fuq l-"Enerġija Nukleari, is-Sikurezza u l-ITER" (ENER.D) u l-"Kontrolli tas-Sigurtà tal-Euratom" (ENER.E) u li joperaw mil-Lussemburgu. Id-DDĠ huwa fdat ukoll b'koordinazzjoni stretta tal-politika mal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għall-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtà tal-provvista fil-qasam nukleari.

## X'qegħdin nipproponu

Taħt is-superviżjoni tad-Direttur Ġenerali (DĠ), il-kandidat magħżul se:

- jassisti lid-DĠ fil-ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali, inkluż permezz tal-koordinazzjoni diretta tad-Direttorati D u E kif ukoll billi jikkontribwixxi għall-programm ta' ħidma tad-DĠ ENER;

- jagħti pariri lid-DĠ dwar l-istrateġija tal-UE għall-enerġija nukleari, b'enfasi fuq is-sikurezza, l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija;

- jiżviluppa approċċ strateġiku għall-użu bikri ta' teknoloġiji nukleari emerġenti fl-Ewropa (pereż. Reatturi Modulari Żgħar);

- jiżgura l-koordinazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tħaddim tas-sistema attwali tal-Kontrolli tas-Sigurtà tal-Euratom skont ir-Regolament (2025/974) rivedut;

- jiżgura s-superviżjoni tal-politika tal-programmi tad-dekummissjonar nukleari fil-Bulgarija, fis-Slovakkja u fil-Litwanja;

- jikkollabora ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni nukleari u ta' protezzjoni mir-radjazzjoni u jwettaq superviżjoni tal-kontribut tad-DĠ ENER għall-konsultazzjonijiet bejn is-servizzi;

- jiżgura kuntatti u koordinazzjoni xierqa mal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom;

- jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Komunità tal-Euratom, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali (jiġifieri l-IAEA, l-OECD), billi jinnegozja u jiżgura l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali;

- jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġija għall-enerġija mill-fużjoni nukleari, inkluż permezz tal-proġett ITER, billi jiżgura rappreżentanza effettiva tal-Komunità tal-Euratom fil-governanza tal-proġett fil-livell internazzjonali u fil-livell Ewropew;

- jiżgura l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika għall-Pjan ta' Azzjoni għall-Applikazzjonijiet tar-Radjazzjoni Jonizzanti Mediċi — SAMIRA, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-isotopi radjuattivi mediċi fl-UE;

- jikkoordina l-arranġamenti tas-sigurtà (f'kollaborazzjoni mill-qrib mad-DĠ HR) tal-attivitajiet u l-laboratorji nukleari fil-Lussemburgu;

- jirrappreżenta lid-DĠ ENER fir-relazzjonijiet esterni u fl-attivitajiet internazzjonali fil-qasam tal-enerġija nukleari, inkluż in-negozjati mal-Istati Membri (SM) u ma' pajjiżi terzi;

- jieħu post/jirrappreżenta lill-Kummissarju/DĠ f'avvenimenti esterni u interni jew f'laqgħat ma' Istituzzjonijiet Ewropej u Stati Membri oħra.

**X'qegħdin infittxu (il-kriterji tas-selezzjoni)**

Il-kandidati għandu jkollhom:

**<u>Kwalitajiet personali</u>**

- Ħiliet analitiċi tajbin ħafna u l-kapaċità li jsolvu problemi organizzazzjonali u operazzjonali.

- Esperjenza fir-rappreżentanza ta' organizzazzjoni f'livell għoli kemm internament kif ukoll esternament, flimkien ma' ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u negozjar biex jinvolvu ruħhom b'mod effettiv u jżommu kuntatti ta' livell għoli fi ħdan il-Kummissjoni, ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE u internazzjonali, mal-Istati Membri, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

- Integrità, adattabbiltà, u reżiljenza taħt pressjoni, flimkien ma' impenn qawwi lejn il-valuri tas-servizz pubbliku u l-kisba tal-objettivi organizzazzjonali.

**<u>Ħiliet u esperjenza speċjalizzati</u>**

- Għarfien u fehim tajbin ħafna tal-politiki u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni.

- Fehim u għarfien tajbin ħafna tal-politika Ewropea dwar l-enerġija, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika tal-UE dwar l-enerġija nukleari skont it-Trattat Euratom.

- Fehim tajjeb ħafna tas-setgħat legali assenjati lill-Kummissjoni Ewropea skont it-Trattat Euratom, pereż. għall-Kontrolli tas-Sigurtà tal-Euratom.

- Fehim tajjeb ħafna tal-arkitettura tas-sikurezza internazzjonali u Ewropea.

**Ħiliet fil-maniġment**

- Kapaċità ppruvata u rekord b'saħħtu fl-ippjanar u l-maniġment effettiv tar-riżorsi umani, baġitarji u finanzjarji f'livell għoli ta' maniġment.

- Ġudizzju u fehim politiċi tajbin ħafna tal-ambjent politiku kumpless, ħila li jiżviluppaw viżjoni integrata dwar il-politika tal-enerġija, b'mod partikolari fil-qasam nukleari u jkollhom viżjoni strateġika ċara tal-attivitajiet tad-Direttorat Ġenerali.

- Esperjenza ppruvata ta' maniġment superjuri u ħiliet ta' tmexxija b'saħħithom, ikollu l-kapaċità jmexxi, jispira u jimmotiva timijiet kbar f'Direttorat Ġenerali b'persunal magħmul minn professjonisti b'ħiliet kbar u diversi.

**Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)**

Il-kandidati jiġu kkunsidrati għall-fażi tas-selezzjoni fuq il-bażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin biss, li jridu jiġu ssodisfati **sa meta jagħlqu l-applikazzjonijiet**:

- Nazzjonalità: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Lawrja jew diploma universitarja: il-kandidati jrid ikollhom:

  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar;

  - inkella livell ta' edukazzjoni, li jikkorrispondi għal studji universitarji kompluti ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas 3 snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).

  Għandhom jitqiesu biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.

- Esperjenza professjonali: il-kandidati jrid ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postgradwatorja[1] f'livell li l-kwalifiki msemmija hawn fuq jagħtu aċċess għalih.
- Esperjenza maniġerjali: trid tkun inkisbet minn tal-inqas 5 snin esperjenza professjonali postgradwatorja f'pożizzjoni maniġerjali ta' livell għoli[2].

[1] L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati *pro rata*, fuq il-bażi tal-persentaġġ iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/parentali/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati (PhDs) huma assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin, dment li d-dottorat ikun tlesta b'suċċess. Kull perjodu jista' jingħadd darba biss.

[2] Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali, fil-*curriculum vitae* tagħhom il-kandidati għandhom jindikaw b'mod ċar: (1) l-isem u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali li kellhom; (2) l-għadd ta' persunal li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà

- Lingwi: il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[3] u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Matul l-intervista/intervisti, il-bordijiet tas-selezzjoni jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista, jew parti minnha, issir f'din il-lingwa l-oħra.

- Età massima: il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 66 sena (ara l-Artikolu 52(a) tar-Regolamenti tal-Persunal [4]).

## Selezzjoni u ħatra

Is-selezzjoni u l-ħatra jsiru skont il-proċeduri tas-selezzjoni u tar-reklutaġġ tal-Kummissjoni Ewropea (ara: Dokument dwar il-Politika għall-Uffiċjali f'Karigi Għolja[5]).

Bħala parti minn din il-proċedura tas-selezzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tas-selezzjoni msemmija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni. Il-kandidati jistgħu jintalbu jipprovdu dokumenti li jsostnu l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni tagħhom fi kwalunkwe mument tal-proċedura. Jekk ma jagħtux dawn id-dokumenti sal-iskadenza stabbilita fit-talba, jistgħu jiġu esklużi mis-selezzjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jasal għall-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal aktar intervisti mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (CCA, Consultative Committee on Appointments) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jkunu mistiedna għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' evalwazzjoni tal-ħiliet maniġerjali mmexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista qasira tal-kandidati li jqis li jkunu xierqa biex jaqdu l-funzjoni.

Il-kandidati fil-lista l-qasira tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru/Membri rilevanti tal-Kummissjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tieħu d-deċiżjoni dwar il-ħatra.

Il-persuna magħżula trid tkun wettqet kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, tipproduċi r-referenzi adattati dwar il-karattru rigward l-idoneità tagħha għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha, u għandha tkun fiżikament f'saħħitha biex twettaq id-dmirijiet tagħha.

Il-persuna magħżula għandu jkollha, jew tkun f'pożizzjoni, li tikseb ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tagħha. Approvazzjoni tas-sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva wara proċess ta' investigazzjoni tas-sigurtà mwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tas-sigurtà tal-individwu, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li l-persuna interessata tkun tista' tingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa

tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) l-għadd ta' saffi ġerarkiċi fuqhom u taħthom; u (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

3 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01958R0001-20130701&qid=1408533709461&from=MThttps://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701

4 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701

5 https://commission.europa.eu/publications/documents-senior-management-selection-procedures_en (jeżisti bl-Ingliż biss)

livell speċifikat. (Kun af li jista' jingħata bidu għall-proċedura meħtieġa biex tinkiseb l-approvazzjoni tas-sigurtà wara li ssir talba minn min iħaddem biss, u mhux mill-persuna interessata).

Sakemm l-approvazzjoni tas-sigurtà personali ma tkunx għadha ngħatat mill-Istat Membru kkonċernat u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta bl-informazzjoni legalment meħtieġa mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-persuna interessata ma tkunx tista' taċċessa l-Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EUCI, EU Classified Information) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u lanqas tattendi laqgħat li fihom tiġi diskussa tali EUCI.

## Opportunitajiet indaqs

F'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni Ewropea għandha objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi l-applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku kumplessiv.

## Kundizzjonijiet tal-impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-kandidat li jintgħażel jiġi reklutat bħala uffiċjal fil-grad AD15. Il-persuna magħżula tiġi kklassifikata fl-iskala 1 jew l-iskala 2 ta' dan il-grad skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tagħha.

Il-persuna magħżula għandha tieħu nota tar-rekwiżit, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, li kull membru ġdid tal-persunal għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' probazzjoni ta' 9 xhur.

Il-post tal-impjieg huwa l-Lussemburgu.

## Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati jridu jippreżentaw dikjarazzjoni, li fiha jimpenjaw ruħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jiddikjaraw kull interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

## Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol tal-bordijiet tas-selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom, u lanqas xi ħadd ieħor ma jista' jagħmel dan f'isimhom. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

## Protezzjoni tad-data personali

Il-Kummissjoni tiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' din id-data.

**Proċedura tal-applikazzjoni**

Qabel tibgħat l-applikazzjoni tiegħek, jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha ("Kundizzjonijiet ta' ammissjoni"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Kwalunkwe persuna interessata li ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tiġi awtomatikament eskluża mill-proċedura tas-selezzjoni.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-internet fis-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet dwar id-diversi stadji tal-proċedura:

https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' jsir kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, żomm lill-Kummissjoni Ewropea infurmata b'kull bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment billi tuża l-format tas-CV tal-Europass[7], u tikteb ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Kun af li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattjak direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

**L-applikazzjonijiet li jintbagħtu b'ittra elettronika ma jiġux aċċettati.** Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, ibgħat ittra elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, minħabba li traffiku qawwi fuq l-internet jew xi problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tintemm qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba tiskadi d-data tal-għeluq biex jintbagħtu r-reġistrazzjonijiet, inti ma tkunx tista' ddaħħal iktar data. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

**Data tal-għeluq**

[6] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[7] Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online fuq: https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija s-**17/12/2025, f'12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell**, wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.